MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Numru. 670/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Simon Galea)**

**V**

**Joseph Scicluna ta' 48 sena imwieled Valletta fis-17 ta' Novembru, 1953, bin Oreste u Carmelina xebba Cachia, joqghod Monreve, Triq ir-Raheb Kurradu,**
**Naxxar, u bin-numru tal-karta tal-identita' 807853 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Joseph Scicluna li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fl-1 ta' Awissu, 2000 u fix-xhur ta' qabel b'diversi azzjonijiet maghmulina minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu gew maghmula b'rizoluzzjon wahda bhala detentur tal-fond 'Mon Reve' fi Triq ir-Raheb Kurradu, Naxxar jew bhala persunali kellu f'idu l-imsemmi fond b'mezzi qarrieqa ikkommetta serq ta' kurrent elettriku minn arlogg tad-dawl li jinsab fl-imsemi fond liema serq jammonta ghal Lm 758.02 ghad-dannu tac-Chairman Enemalta Corporation liema serq hu aggravat bil-hin, valur u mezz.

U aktar talli fl-istess zmien ghamel hsara volontarja fil-makkinarju jew gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf ta' kurrent elettriku.

U aktar talli fl-istess zmien ghamel hsara jew kisser xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew sigilli taghhom.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u dan illi l-hati jhallas spejjez ta' l-esperti mahturin mill-Qorti skond il-Kodici Kriminali.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Ikkonsidrat

Illi kemm mix-xhieda ta' l-impjegati ta' l-Enemalta b'mod partikolari dik ta' Silvio Decelis jirrizulta ben pruvat illi l-akkuzat Joseph Scicluna huwa r-registered consumer tal-meter in kwistjoni.

Illi senjalament jirriuzultta illi l-meter in kwistjoni kien sofra xi danni kellu anke makkjatura kif ben spjega l-espert tekniku ndikattiva ta' tbaghbis fl-istess meter biex ma ddurx id-disk u ghalhekk ma jigix registrat il-konsum.

Il-meter sofra wkoll dannu ta’ sitt liri Maltin.

Illi daqstant huw averu li dan il-meter gie skopert fuq talba specifika tal-konsumatur.

Pero’ dan il-fatt wahdu cioe li kien l-istess Scicluna li baghat ghal impjegati tal-Korporazzjoni, wahdu, fl-opinjoni ta’ din il-Qorti ma jkissrux dik il-prezunzjoni (anke jekk wahda iuris tantum) li l-ligi tohloq fl-artiklu 264 tal-Kapitlu 9.

Gie stabbilit zgur minn Decelis li mis-sena 1991 il-konsum ma kienx qed jigi registrat fuq bazi regolari.

Frankament ma ngabet ebda prova konklussiva tat-trickling effect li sahaq fuqha l-avukat difensur fit-trattazzjoni. Lanqas fl-opinjoni ta’ din il-Qorti ma jista’ jigi argumentat li l-akkuza ma tirrizultax ghax ma giex esebit l-arlogg tad-dawl in kwistjoni : din il-Qorti hija mohhha mistrieh bl-ezami u l-konkluzjoni ta’ l-espert taghha li kellu kull cans li jezamina l-arlogg in kwistjoni. Fil-fatt ma ttella’ ebda dubju dwar il-konkluzjoni ta’ l-espert Zammit.

Ghaldaqstant, wara li rat l-artikolu 261 tal-Kapitlu 9 issib lil Joseph Scicluna hati ta’ l-akkuzi kif dedotti. Qieset li l-istess Sciluna (dejjem bla pregudizzju ghar-rizultat ta’ din il-kawza) hallasl-ammont pretiz. Rat il-fedina penali tieghu u ghalhekk qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahrejn mil-llum u dan wra li rat l-artiklu 22 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------